MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 80/2009

**A B**

**Vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu l-attrici ippremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu f'Malta fit-28 ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u tmienja u sebghin (28/01/1978);

Illi mill-imsemmi zwieg il-kontendenti kellhom tlett (3) itfal X, Y u Z ahwa B, fejn illum il-gurnata, Z B biss ghadha monorenni u ghandha hmistax-il sena (15);

Illi l-intimat rrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti mpossibbli, stante illi l-istess intimat huwa hati ta' eccessi, sevizzi, mohqrija, swat, vjolenza, theddid u ingurji gravi da parti tieghu fil-konfront ta' l-istess rikorrenti u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment b'tort unikament ta' l-istess intimat;

Illi r-rikorrenti giet debitament awtorizzata sabiex tipprocedi bl-istanti permezz ta' digriet tal-Onorabbi Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datat 24 ta' Frar 2009 hawn anness u markat bhala Dok 'A';

Talbet ghalhekk li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandiex prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega u opportun, u ghar-ragunijiet fuq imsemmiija:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B u dana minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabli lill-intimat kif fuq spjegat u tawtorizza lir-rikorrenti tghix separatament minn mal-intimat;
2. Tordna illi l-kura u kustodja tat-tifla minuri Z B tigi fdata lir-rikorrenti u tiffissa ammont adegwat ta' retta alimentari li ghandu jkun pagabbli mill-intimat lir-rikorrenti kull xahar, ghan-nom ta' l-istess tifla minuri, liema manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja, filwaqt li tiddikjara li l-intimat (li jahdem bhala xufier), ddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob u / jew jippercepixxi manteniment minghand ir-rikorrenti;

3. Tiffissa dik ir-retta alimentari li l-intimat ghandu jhallas kull xahar lir-rikorrenti ghaliha personali, liema manteniment ghandu jizdied kull sena skont l-indici ta' l-gholi tal-hajja;
4. Tapplika kontra l-intimat l-effetti in toto jew in parte ta' l-artikoli 48 sa 52 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, nkluza l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret mir-rikorrenti;
5. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u tassenja porzjon lir-rikorrenti u porzjon lill-intimat *ope sententium.* Filwaqt li tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;
6. Tikkundanna lill-intimat sabiex jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-beni kollha parafernali taghha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dan fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-intimat jaghmel dan, tikkundannah ihallas lir-rikorrenti dik is-somma li ghandha tigi hekk likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti *nominandi*, rapprezentanti l-valur tal-beni parafernali sudetti;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn isssa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa:

1. Illi hemm qbil li tigi ddikjarata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti imma mhux ghar-ragunijiet mfissra mir-rikorrenti ghaliex ma huwiex minnu li z-zwieg tkisser minhabba xi raguni mputabbli lill-intimat wahdu izda kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza l-kagun principali kienet ir-rikorrenti bl-atteggament taghha. Jekk tkisser

irrimedjabbilment, dan sehh ghax l-istess mara rikorrenti riedet tkissru sabiex hija titilqu;

2. Illi l-esponenti ma jaqbilx mat-tieni talba tar-rikorrenti ghaliex kif ser jirrizulta fil-perjodu li l-mara rikorrenti telghet mid-dar flimkien ma binthom Z dina l-minuri thalliet jkollha relazzjoni ma ragel akbar minnha u harget tqila u anke marret tghix ghal xi zmien mieghu u ghalhekk ir-rikorrenti ma ghandhiex tigi affdata l-kura u kustodja tal-minuri Z B u dwar it-talba li tithallas retta alimentari favur il-minuri dina ukoll ghandha tigi michuda peress li bintu ghandha relazzjoni ma persuna ohra li allura ghandu l-obbligu li jmantniha;
3. Illi l-Qorti ghandha tichad it-tielet talba tar-rikorrenti u dan ghaliex hija ghandha dhul minn xoghol regolari filwaqt illi l-intimat jahdem biss ftit sieghat fil-gimgha liema dhul ma huwiex bizzejjed biex jhallas manteniment lil martu;
4. Illi l-esponenti ma jaqbilx li r-raba talba ghandha tigi milqugha ghaliex ma hemmx lok li jigu applikati id-dispozizzjonijiet tal-Art 48 sa 52 fil-konfront tal-intimat u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;
5. Illi l-intimat jaqbel li hemm bzonn li jkun hemm xoljiment u likwidazzjoni tal-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet fil-kawza imma dan irid isir wara li jkunu gew rritornati l-flejjes kollha li r-rikorrenti hadet minghajr kunsens tal-intimat. Il-kommunjoni tal-akkwisti ghandha tinqasam fi kwoti ugwali u mhux kif qeghda titlob ir-rikorrenti li dina l-qasma ghandha tkun fi kwoti mhux ugwali ghal liema talba l-intimat joggezzjona u ma jaqbilx maghha;
6. Illi l-esponenti ma jistax jifhem ir-raguni ghas-sitt talba meta r-rikorrenti diga hadet l-oggetti taghha kemm parafernali kif ukoll oggetti ohra mir-residenza tal-partijiet liema dar hija proprjeta tal-intimat u ghalhekk dina s-sitt talba ghandha tigi michuda;
7. Salv ragunijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti li minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut ;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li permezz taghha ippremetta:

a. Illi l-partijiet izzewgu fit-28 ta' Jannar 1978 u kellhom tlett (3) itfal, Xw, Y u Z ahwa B fejn illum hija Z B biss li ghadha minorenni;
b. Illi l-komportament tar-rikorrenti rikonvenzjonata kien wiehed aggressiv kontinwu b'mod partikolari dak psikologiku u fil-konfront tal-intimat rikonvenzjonat;

Talab li r-rikorrenti tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tordna l-firda personali minhabba tortijiet esklussivament imputabbli lill-mara kif fuq indikat u dan billi r-rikorrenti mara rreddiet ruhha hatja lejh ta' adulterju, sevizzi, ingurji, ingurji gravi, abbandun, eccessi, vjolenza psikologika, u anke vjolenza fisika, oltre dan iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba l-agir u komportament taghha;
2. Tordna l-kura u kustodja tal-minuri Z B tkun fdata f'idejn l-intimat rikonvenzjonat u tiffissa retta alimentari ghan-nom ta' l-istess tifla minuri liema manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja;
3. Tordna kontra r-rikorrenti l-applikazzjoni tal-penalitajiet stabbiliti fl-Artikolu 48 et seq tal-Kap. 16;
4. Tiddikjara d-dekadenza tal-manteniment favur il-mara mir-ragel peress li hija tahdem b'mod regolari u anke favur it-tifla minuri Z li ghandha relazzjoni ma persuna ohra;
5. Tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-partijiet u tiddividi u tassenja l-assi f'dak il-proprozjon hekk stabbilit;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonanti;

Rat ir-risposta guramentata tar-rikorrenti rikonvenzjonata ghall-kontro-talba tal-konvenut, li permezz taghha eccepiet :

1. Illi l-esponenti rikonvenzjonata taqbel mal-ewwel talba ta' l-intimat rikonvenjonant b'dana pero' illi il-Qorti ghandha tippronunzja s-separazzjoni b'tortijiet imputabbli lill-istess intimat rikonvenzjonant li kien hati ta' sevizzi, eccessi, ngurji gravi, vjolenza fizika u vjolenza psikologika u abbandun fil-konfront ta' l-esponenti;
2. Illi l-esponenti rikonvenzjonata ma taqbilx mat-tieni talba ta' l-intimat rikonvenzjonant u dan stante l-fatt illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri Z B illi l-kura u kustodja taghha tigi fdata f'idejn ommha. Fil-fatt l-esponenti u l-minuri kellhom johorgu mid-dar matrimonjali minhabba *inter alia* l-vjolenza fizika u morali li kienu qeghdin isofru da parti ta' l-intimat u ilhom jirrisjedu flimkien minn Frar 2008;
3. Illi l-esponenti rikonvenzjonata ma taqbilx mat-tielet talba ta' l-intimat rikonvenjonant u dan stante l-fatt illi kif gja nghad u kif ser jirrizutla fil-mori tal-kawza, t-tort tas-separazzjoni huma imputabbli unikament lill-istess intimat rikonvenjonant;
4. Illi l-esponenti ma taqbilx mar-raba' talba ta' l-intimat rikonvenzjonant u ma huwiex minnu li l-esponenti qed tahdem filwaqt li Z B tghodd biss sittax-il sena u l-intimat ghandu obbligu li jmantni lil bintu;
5. Illi l-esponenti taqbel mal-hames talba ta' l-intimat rikonvenzjonant;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici rikonvenzjonata;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Frar 2010 li permezz tieghu hatrret lil Dr. Anna Mallia bhala perit legali bis-soliti fakoltajiet;

Rat ir-rapport tal-perit legali, minnha ipprezentat fid-9 ta' Lulju 2013;

Rat ir-rapport tal-perit tekniku Alan Saliba, minnu pprezentat fid-29 ta' Novembru, 2010;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet b'dan li l-intimat ipprevalixxa ruhu mid-dritt ta' kontro-talba u ghalhekk ghalkemm jaqbel li ghandu jkun hemm il-pronunzja ta' separazzjoni bejn il-partijiet, ma jaqbilx li ghandu jigi attribwit bit-tort tas-separazzjoni kif tikkontendi r-rikorrenti u ma jaqbilx li r-rikorrenti ghandha tigi fdata bil-kura u l-kustodja tal-ulied u li l-istess rikorrenti tippercepixxi manteniment ghall-istess minuri u ghaliha stess.

**<u>VERZJONI RIKORRENTI</u>**

Permezz tal-affidavit taghha[1] r-rikorrenti tghid li wara z-zwieg marru jghixu f'dar mibnija fuq art tal-intimat gewwa Hal Luqa. Tghid li l-binja saret mill-istess intimat u ħuħ b'dan li hi ħadet hsieb li tarma kollox. Tghid li x-xogholijiet ta' gewwa d-dar (telenka lista ta' xogholijiet) saru fil-maggor parti taghhom fiz-zwieg anke ghaliex dak iz-zmien it-tnejn li huma kienu jahdmu. Tispjega li wara z-zwieg l-intimat beda jmur il-kazin u jirritorna

[1] Ara a fol 17 tal-process

lura d-dar bil-lejl xurban. Tghid li kien jissuspetta li kellha wicc haddiehor ghalkemm dan mhux minnu. Kien jara kif jaghmel biex johloq argument u jispicca jkisser kull ma jigi f'idejh u jkun vjolenti fuqha. Kif harget tqila bl-ewwel wild hasbet li l-intimat kien ser jinbidel izda dan ma kienx il-kaz. Anke wara t-twelid, bil-kemm kien ihares lejn it-tarbija ghax wara ftit kien imur dritt il-kazin.

Ir-rikorrenti tghid li l-paga tal-intimat kienet tinqasam b'dan li hu jzomm nofsha ghal-lottu u x-xorb filwaqt li n-nofs l-iehor jaghtih lilha u minnha kienet tkun trid thallas il-kontijiet kollha u l-ispejjez kollha tad-dar u tat-tfal. Tghid ukoll li l-intimat isostni li l-ulied m'humiex tieghu ghalkemm ir-rikorrenti ssostni li dan mhux minnu u ma kienx hemm raguni ghaliex jissusspetta dan kollu. Kien sahansitra jifthilha anke l-ittri u wasal biex qatta hafna mir-ritratti li kienet tghozz ghaliex ried jaqta' l-familja taghha 'l barra ghalkemm quddiemhom kien jaghmilha tal-edukat. Kien jghajjar lil hutha m'ommha u jghid kontra missierha. Ir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom kienu jkunu wara li jkun wasal lura d-dar mill-kazin u b'intenzjonijiet egoistic tieghu biss. Xejn b'rispett jew imhabba, tant li hekk kif kien jispicca kien jerga' jibda jghajjarha. Ir-rikorrenti taghmel elenku wkoll tal-atti ta' abbuz fiziku, atti ta' vjolenza u tkissir u atti ta' kattiverja li kien jikkommetti fuqha l-intimat (dejjem skond it-tezi taghha).

Ir-relazzjoni mal-ulied xejn ma kienet tajba lanqas ghaliex lill-Z kien jghajjarha li hija 'Qa**a bhal ommok', lil X kien jghajjru li hu omosesswali filwaqt li lil Y kien jghajjru 'bla b**d'. Ma kienx ihallihom ikollhom hbieb u ghal kull bzonn li kien ikollhom, kienet tiehu hsiebhom ir-rikorrenti. Tispjega kif l-ulied telghu f'ambjent vjolenti fejn missierhom jaghmel atti mhux biss ta' vjolenza izda ta' pika esagerata b'dan li anke tellef lill-istess ulied ix-xoghol kollu li jkunu lahqu ghamlu fuq il-computer. Ir-rikorrenti tghid li ppruvat tikseb l-ghajnuna ghar-ragel taghha

biex ma jibqax vjolenti izda qatt ma ammetta li fil-veA' jagixxi b'dak il-mod. Kull program jew ghajnuna li seta' beda, dejjem rega' waqaf.

Ir-rikorrenti tispjega wkoll li l-intimat telaq mid-dar tlett darbiet minghajr ma qalilha fejn sejjer. Imbaghad meta jrid, kien jerga' jmur lura qisu qatt ma kien xejn. Wara snin ta' vjolenza fizika u psikologika, r-rikorrenti talbet l-ghajnuna u sabitha kemm mill-Agenzija Appogg kif ukoll mill-Programm Hidma Socjali. Waslet f'punt fejn ma setghetx tissaporti aktar f'dik il-hajja ta' terrur u vjolenza u ghalhekk pjanat li tohrog mid-dar. Kriet vann u garret li setghet f'gurnata fejn kienet taf li kien ser ikun xoghol. Telenka l-affarijiet li rnexxielha tiehu maghha u tghid li hekk kif sar jaf li telqet mid-dar, l-intimat talabha tmur lura anke jekk biex tnaddaflu u ssajjarlu biss. Tali proposta giet interpretata mir-rikorrenti bhala wahda li tikkonferma li l-intimat ried seftura u mhux mara.

Tghid ukoll li l-intimat kien waqaf jahdem mal-Air Supplies & Co. Ltd b'dan li r-rikorrenti inghatat nofs is-somma li kien intitolat ghaliha l-intimat u ċioe' €16,282.32. Tghid li prezentement l-intimat jahdem ma' Meli Car Rentals u li jhallas is-somma ta' €235 fix-xahar bhala manteniment b'dan illi jekk jara lit-tfal u jaghtihom xi *pocket money* dak jitnaqqas mill-manteniment taghha tax-xahar ta' wara.

Taghlaq billi tghid li telqet mid-dar mhux b'kapricc izda ghax ma setghetx tghix dik il-hajja ta' theddid u ta' glied kontinwu fejn kienet anke kostretta tigdeb lit-tobba li kienu jarawha wara xi glieda fizika kbira.

**IL-VERZJONI TAL-INTIMAT**

Permezz tal-affidavit tieghu[2] l-intimat jghid l-gherusija ma kienitx wahda sabiha ghaliex ir-rikorrenti kienet tiggieled mieghu b'dan li darba damu sitt xhur mifrudin u r-rikorrenti kienet harget ma' ragel iehor. Jahseb li r-rikorrenti zzewgitu bilfors ghax donnu ma kellhiex grazzja mieghu. Wara z-zwieg raha ticcacra ma' kollega taghha tax-xoghol u dan l-agir hassu bhala stallett.

Rigward id-dar matrimonjali jghid li din hija proprjeta' ta' missieru u li hu xtraha biex ir-rikorrenti u l-ulied ikunu komdi u ma jbatux. Jikkontendi li hija r-rikorrenti li kienet thebb ghalih bl-ixkupa u taghmel minn kollox biex tipprovokah. Kuntrarjament ghal dak li ssostni hi, jghid li mexa tajjeb m'uliedu tant li ghin lil X meta wasal biex jizzewweg u ghin ukoll lill-ulied l-ohra. Isostni li r-rikorrenti dejjem ghawwiethom kontrih. Jghid li ghal seba` snin shah, ir-rikorrenti ma rieditx torqod mieghu u dan kien igieghlu jahseb hazin, apparti li jwasslu biex jara xi film tal-'kbar'. Xejn ma kien jiehu gost ukoll meta r-rikorrenti kienet tiehu lil Z ghaz-zfin u l-kompetizzjonijiet u kienu jirritornaw fis-sieghat bikrin ta' filghodu.

Jghid li minhabba l-agir ta' martu, spicca biex kellu jaghmel ftit tal-granet fl-isptar Monte Carmeli u kuntrarjament ghal dak li tghid ir-rikorrenti, huwa minhabba fiha li t-terapija ma hadmitx.

[2] Ara a fol 87 tal-process

## IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM DIN IL-QORTI

Il-Qorti taghmel referenza ghar-rikors promotur u ghan-nota guramentata tal-attrici[3] li permezz taghha telenka x'inhu s-sehem taghha formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Tiddikjara li kwantu ghar-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieg, din ghandha tinghata lill-intimat minhabba ingurji, eccessi, vjolenza, mohqrija u theddid u li bhala konsegwenza tal-istess kellha titlaq mid-dar matrimonjali. Tghid li huwa qieghed jivversa manteniment ta' €235 bhala manteniment ghaliha u ghall-minuri Z. Dwar sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, r-rikorrenti tiddikjara s-segwenti:

1. Nofs id-dar matrimonjali numru 28, Saint Francis Flat 2, Triq Hal Saflieni Luqa li jinkludi garaxx anness mieghu bl-isem ta' Saint Xw;

2. Il-vettura Toyota bin-numru ta' registrazzjoni DAU 205;

3. Il-mobbli fid-dar matrimonjali;

4. Kontijiet bankarji intestate f'isem il-mara;

5. Nofs il-kontijiet bankarji f'isem il-partijiet konguntivament.

Min-naha tieghu, l-intimat ma jaqbilx li l-garaxx u d-dar matrimonjali huma formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

## DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI

Dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti, l-qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghal Artikolu 40 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

[3] Ara a fol 28 tal-process

“***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista’ titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***”.

Il-qorti wara li rat il-provi esebiti, m’hijiex konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment ghal ragunijiet li jistghu ikunu attribwibbli unikament lil parti wahda. F’dan il-kuntest il-qorti tapplika bis-shih dik il-parti tar-rapport PeAli Dr. Anna Mallia intitolata ‘Responsabbilita’ b’dan li tapplika l-istess u taghmel l-istess konkluzjoni bhala taghha. konsegwentement hemm lok ghall-pronunzja ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

**<u>DWAR IT-TALBA TAL-KURA U L-KUSTODJA TAL-MINURI</u>**

Il-qorti tirrileva li t-talba ta’ kura u kustodja ghandha tigi determinata u deciza skond il-principju tal-ahjar interessi tal-minuri. Ir-rikorrenti tikkontendi li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata esklussivament f’idejha anke minhabba l-fatt li l-istess minuri dejjem ghixiet mal-istess rikorrenti. Min-naha l-ohra, l-intimat jikkontendi li l-qorti ghandha tafda l-kura u l-kustodja tal-istess minuri f’idejh anke ghaliex l-istess minuri kellha relazzjoni ma’ ragel li harget tqila minnu.

Il-qorti, tirrileva li *stante* li Z B llum il-gurnata hija maggorenni, t-talba ghall-kura u l-kustodja hija wahda superfluwa ghal kollox

u ghaldaqstant, il-qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

**DWAR IT-TALBA GHALL-MANTENIMENT TAL-WILD**

Il-qorti tirrileva li jirrizulta l-wild Z llum hija maggorenni. Ghalhekk, fid-dawl tal-emendi fil-ligi taghna, sabiex l-intimat ikun obbligat li jhallas manteniment ghal bintu, irid ikun hemm prova li l-istess wild qieghda tistudja fuq bazi *full-time*. Il-qorti thoss li ghalkemm ir-rikorrenti taccenna li Z qieghda l-MCAST, fil-veA' ma ressqet ebda prova ta' dan u ghalhekk il-qorti ma tistax toqghod fuq semplici dikjarazzjoni ghaliex wara kollox, l-istess wild setghet facilment waqfet minn dak iz-zmien ta' tali dikjarazzjoni jew sahansitra spiccat. Semplici dikjarazzjoni m'hijiex prova bizzejjed biex jigi pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li hemm obbligu ta' hlas ta' manteniment da parti tal-intimat versu Z.

**DWAR IT-TALBA GHAL MANTENIMENT GHAR-RIKORRENTI**

Il-Qorti tirrileva li kif qalet din l-istess qorti hekk kif diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet **Georgina Schembri pro et noe vs Dino Schembri** deciza nhar it-28 ta' Ottubru 2002, l-obbligi tal-manteniment tal-konjugi huma regolati bl-artikolu 3 tal-Kap. 16 b'dan pero' li tali manteniment ghandu jinghata skond il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih (ara l-Artiklu 20 tal-Kap. 16). Dan ifisser li l-mara llum ghandha r-responsabbilitajiet taghha u trid necessarjament terfa' dan il-piz mar-ragel taghha ghaliex wara kollox ghandha wkoll il-kapacita' li tmur tahdem.

L-intimat (ghall-anqas sas-seduta tas-26 ta' April 2010) iddikjara li kien qed jahdem fuq bazi *part-time* bhala xufier u kellu introjtu ta' madwar €350 – 400 kull hmistax netti. Sussegwentement, jipprezenta dokument[4] u li permezz tieghu juri li beda jirregistra bhala persuna diskokkupata mit-2 ta' Novembru 2011. Konferma ta' dan huwa wkoll id-dokument esebit a fol 122 tal-process.

Mill-provi jirrizulta li l-intimat kien qieghed jghaddi mateniment fl-ammont ta' Lm100 fix-xahar ghal Z ghaliex ir-rikorrenti tahdem[5]. Izda tenut kont tal-fatt li l-intimat qieghed jircievi pensjoni ta' dizabilita' u tenut kont tal-fatt li r-rikorrenti tiflah tahdem u gie anke pruvat li taghmel xi xoghol man-nies, allura il-qorti taqbel mal-Perit Legali fis-sens li l-manteniment dovut lir-rikorrenti ghandu jkun dak ta' €150 fix-xahar.

**DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLI 48 ET SEQ KONTRA L-INTIMAT**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -

(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;

(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-

[4] Ara a fol 80 tal-process

[5] Ara s-seduta tal-14 ta' Dicemrbu 2010

qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

Il-qorti, kif diga' kellha l-opportunita' li tiddikjara aktar 'il fuq, hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-firda bejn il-partijiet hija imputabbli liz-zewg partijiet u ghaldaqstant fic-cirkustanzi thoss li m'huwiex ekwu li jigu applikati l-istess artikoli fil-konfront taghhom.

**<u>DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI U R-RESTITUZZJONI TAL-BENI PARAFERNALI</u>**

Il-partijiet jaqblu li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom ghandhom tigi xolta.

Ghal dak li jirrigwarda l-garaxx bl-indirizz 30, fi Triq Hal Saflieni, Luqa, l-Perit Tekniku mqabbad minn din il-Qorti wasal ghall-valur ta' €19,000. Ir-rikorrenti tikkontendi li tali garaxx huwa formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti izda l-intimat ma jaqbilx ghaliex jikkontendi li meta missieru trasferixxa l-proprjeta' lil uliedu, l-intenzjoni tieghu kienet li ma jinkludix lill-irgiel u n-nisa taghhom[6]. Il-Perit Legali, bhal ma ssostni r-rikorrenti fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha tikkontendi li hemm qbil bejn il-partijiet li tali garaxx huwa formanti parti mill-

[6] Ara wkoll ix-xhieda tan-NutarDr. Carmelo Mangion datata s-17 ta' Settembru 2010

komunjoni tal-akkwisti, pero' jidher li anke fuq dan il-punt, l-intimat m'huwiex konsistenti fit-tezi tieghu u ghalhekk il-qorti ma tistax tghid bl-aktar mod kategoriku li l-intimat jaqbel mat-tezi tar-rikorrenti. Tenut kont ta' dan pero' u tenut kont tal-insenjamenti msemmija mill-Perit Legali u li gew applikati ghad-dar matrimonjali (ara aktar 'l isfel) allura l-qorti thoss li xorta wahda, l-garaxx in kwistjoni ghandu jigi konsiderat bhala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

L-istess irid jinghad ghad-dar gia matrimonjali u dan *stante* li r-rikorrenti tikkontendi li d-dar giet trasfeA minn missier l-intimat b'titolu ta' subenfitewsi perpetwa nhar it-23 ta' Frar 1991 lill-intimat innifsu permezz ta' kuntratt pubbliku fl-Atti tan-Nutar Dr. Carmelo Mangion[7]. Ir-rikorrenti tikkontendi li *stante* li tali kuntratt sar fiz-zwieg allura huwa prezunt li tali akkwist huwa formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u m'ghandha ggib ebda prova ohra. F'dan il-kuntest taghmel referenza ghal Artikolu 1320 tal-Kap. 16 li jelenka l-beni formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, in partikolari s-subinciz (e). Min-naha l-ohra l-intimat jaghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Maria Carolina Fardell vs Nicholas Fardell** deciza fit-8 ta' Ottubru 2010 fejn gie sostnut li jekk wiehed juri bic-car x'kienet l-intenzjoni tal-genitur u cioe' li jibbenefika l-wild tieghu ad eskluzjoni tal-konjugu, allura dak l-immobbli m'ghandux jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Jirrizulta bl-aktar mod car li l-akbar kontestazzjonijiet fil-kawza odjerna huma fil-fatt l-immobbli u jekk dawn jifformawx parti mill-komunjoni tal-akkwisti jew le. Kif taghmel tajjeb l-abbli Perit Legali fir-rapport taghha, taghmel referenza ghax-xiehda tal-ahwa tal-intimat li jikkonfermaw li l-genituri taghhom kienu bghatu ghalihom wahedhom u qalulhom li ser jiktbulhom f'hajjithom il-post fejn joqghodu. Dan gara fil-prezenza tan-

[7] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Anna Mallia datata s-26 ta' April 2010

Nutar Mangion b'dan li n-nisa u l-irgiel rispettivi taghhom ma kienux prezenti.

Fid-dawl ta' dan, il-qorti tapplika l-insenjamenti msemmija u citati fir-rapport peAli ta' Dr. Anna Mallia u tapplikahom bhala taghha fl-*intier* taghhom b'dan li tiddikjara li l-imsemmija dar hija formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u dan ghaliex huwa minnu li l-intimat jikkontendi li huwa 'xtara' minghand missieru biex ihalli lill-familja tieghu komda, jirrizulta bl-aktar mod car li tali proprjeta' giet trasfeA fiz-zwieg kif ukoll li l-intimat naqas milli jitlob dikjarazzjoni li l-imsemmi fond huwa proprjeta' parafernali tieghu.

Ghal dak li jirrigward x-xogholijiet, jidher li r-rikorrenti taqbel li l-ispejjez saru minn missier l-intimat filwaqt li x-xogholijiet saru mill-istess intimat u huh u ghalhekk m'hemm ebda kontestazzjoni dwar dan il-punt. F'dan il-kuntest, il-qorti qed tapplika l-principju ta' *arbitrio bona viri* u ghaldaqstant l-intimat ghandu jinghata minn sehem ir-rikorrenti kumpens ghal tali xogholijiet.

Irid jinghad ukoll li ad eccezzjoni tal-proprjeta' immobbli li kif inghad aktar 'il fuq jidher li kienet l-aktar aspett li dwarha l-partijiet ma qablux, il-partijiet ma ressqux provi fuq assi parafernali li jistghu b'xi mod jigu konsidrati minn din il-qorti. Ghalhekk, fin-nuqqas ta' provi dwar l-istess, il-qorti ma tistax hlief tichad is-sitt talba relatata mal-beni parafernali.

**<u>DECIDE</u>**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u l-ewwel talba tal-kontro-talba limitament billi tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija ugwali bejn il-partijiet;

[2] Tichad it-tieni talba tar-rikorrenti u t-tieni talba tal-kontro-talba;

[3] Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti limitament ghall-ammont ta' €150 fix-xahar, b'dan li tali manteniment ghandu jithallas mill-intimat lir-rikorrenti u konsegwentement tichad ir-raba' talba tal-kontro-talba;

[4] Tichad ir-raba' talba tar-rikorrenti u t-tielet talba tal-kontro-talba;

[5] Tilqa' l-hames talba tar-rikorrenti u tal-kontro-talba b'dan li l-immobbli ghandhom jitpoggew ghall-bejgh abbazi tal-prezzijiet stabbiliti mill-Perit Tekniku jew prezz iehor li dwaru jistghu jaqblu l-partijiet u bid-dritt lil kull wiehed mill-istess partijiet li jixtri s-sehem tal-parti l-ohra. Kwantu ghax-xogholijiet, l-intimat ghandu jithallas ghalihom skond il-valutazzjoni moghtija mill-Perit Tekniku fir-rapport tieghu, liema hlas ghandu jsir minn sehem ir-rikorrenti;

[6] Tichad is-sitt talba;

Bl-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------